SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

11 ta' Diċembru 2007 *

Fil-Kawża C-161/06,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 234 KE imressqa mill-Krajský soud v Ostravě (ir-Repubblika Ċeka), permezz ta' Deċiżjoni ta' l-10 ta' Marzu 2006, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Marzu 2006, fil-proċedura

Skoma-Lux sro,

vs

Celní ředitelství Olomouc,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, P. Jann, C. W. A. Timmermans, A. Rosas, K. Lenaerts, A. Tizzano, Presidenti ta' l-Awla, R. Schintgen, R. Silva de Lapuerta, K. Schiemann, P. Lindh, J.-C. Bonichot (Relatur), T. von Danwitz u A. Arabadjiev, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek.

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: J. Swedenborg, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' Ġunju 2007,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Skoma-Lux sro, minn P. Ritter, advokát,

— għall-Gvern Ċek, minn T. Boček, bħala aġent,

— għall-Gvern Estonjan, minn L. Uibo, bħala aġent,

— għall-Gvern Latvjan, minn K. Bārdiņa u R. Kaskina, bħala aġenti,

— għall-Gvern Pollakk, minn E. Ośniecka-Tamecka, M. Kapko u M. Kamejsza, bħala aġenti,

— għall-Gvern Slovakk, minn J. Čorba, bħala aġent,

— għall-Gvern Żvediż, minn A. Kruse u A. Falk, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn J. Hottiaux u M. Šimerdová kif ukoll minn P. Aalto, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2003, L 236, p. 33, iktar 'il quddiem l-"att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni"), skond liema r-Repubblika Ċeka saret Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Mejju 2004.

2 Din it-talba kienet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn il-kumpannija Skoma-Lux sro (iktar 'il quddiem "Skoma-Lux") u Celní ředitelství Olomouc (amministrazzjoni ċentrali tad-dwana ta' Olomouc, iktar 'il quddiem l-"amministrazzjoni ċentrali tad-

dwana"), minħabba multa li ngħatat lil Skoma-Lux għal ksur relatat mad-dwana mwettaq minnha bejn ix-xahar ta' Marzu u ta' Mejju 2004, minħabba li l-amministrazzjoni ċentrali tad-dwana ma setgħetx tuża kontriha leġiżlazzjoni Komunitarja li ma kinitx għadha ġiet ippubblikata fil-lingwa Ċeka fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

L-att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' adeżjoni

3 L-att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' adeżjoni jifforma parti integrali mit-Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Isvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Britannja u l-Irlanda ta' Fuq (Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea) u r-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea (ĠU 2003, L 236, p. 17) u jiffissa l-kundizzjonijiet għall-ammissjoni kif ukoll l-aġġustamenti tat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea u li din l-adeżjoni tinvolvi.

4 Skond l-Artikolu 2 ta' l-att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' adeżjoni:

"Mid-data ta' l-adeżjoni, id-disposizzjonijiet tat-Trattati originali u l-atti adottati mill-istituzzjonijiet u l-Bank Centrali Ewropew qabel l-adeżjoni ghandhom jorbtu l-Istati Membri l-godda u ghandhom japplikaw f'dawk l-Istati Membri bil-kondizzjonijiet kif imniżżla f'dawk it-Trattati u f'dan l-Att."

5 L-Artikolu 58 ta' dan l-att jipprovdi li:

"It-test ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet u tal-Bank Ċentrali Ewropew adottati qabel l-adeżjoni u mħejjija mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni jew mill-Bank Ċentrali Ewropew fil-lingwa: Ċeka, Estona, Ungeriża, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Slovakka, Slovena ghandhom, mid-data ta' l-adeżjoni, ikunu awtentiċi bl-istess kondizzjonijiet bħat-test fil-ħdax-il lingwa attwali. Ghandhom ikunu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea jekk it-test tal-lingwi attwali kienu hekk ġew ippubblikati".

Ir-Regolament Nru 1

6 Skond l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1, tal-15 ta' April 1958, li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 1958, 17 p. 385), kif emendat mill-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' adeżjoni, il-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni huma:

"iċ-Ċek, id-Daniż, l-Eston, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Ispanjol, l-Isvediż, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, is-Slovakk, is-Sloven, it-Taljan u l-Ungeriż".

7 L-Artikolu 4 tar-Regolament jipprovdi li:

"Ir-Regolamenti u dokumenti oħra ta' applikazzjoni ġenerali għandhom ikunu abbozzati fl-għoxrin lingwa uffiċjali."

8 L-Artikolu 5 ta' l-imsemmi regolament jgħid li:

"Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkun ippubblikat fl-għoxrin lingwa uffiċjali."

9 Skond l-Artikolu 8 ta' l-imsemmi regolament:

"Jekk xi Stat Membru jkollu aktar minn lingwa uffiċjali waħda, il-lingwa li għandha tintuża għandha tkun, fuq talba minn dak l-Istat, irregolata mir-regoli ġenerali tal-liġi tiegħu."

10 Skond l-Artikolu 199 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, p. 1):

"Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli ta' dispożizzjonijiet penali, il-preżentazzjoni fl-uffiċju doganali ta' dikjarazzjoni ffirmata mid-dikjarant jew ir-rappreżentant tiegħu għandha tirrendih responsabbli skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ għal:

— l-eżatezza ta' l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni,

— l-awtenticità tad-dokumenti mehmuża,

u

— konformità ma' l-obbligi kollha li jirrelataw mad-dħul tal-merkanzija in kwistjoni taħt il-proċedura kkonċernata."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

11 L-Artikolu 293(1)(d) tal-Liġi Nru 13/1993 (iktar 'il quddiem il-"Liġi doganali") jgħid li:

"Jikser id-dispożizzjonijiet doganali min jikseb permess biex idaħħal merkanzija taħt sistema abbażi ta' dokumenti mhux awtentiċi, mibdula jew iffalsifikati, jew abbażi ta' informazzjoni li mhijiex eżatta jew falsa."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

12 Skoma-Lux timporta u tinnegozja fl-inbejjed. Fit-30 ta' Settembru 2004, l-uffiċċju tad-dwana ta' Olomouc imponiet fuqha multa minħabba ksur tal-leġiżlazzjoni

doganali li hija wettqet ripetutament fil-11, fit-22 u fit-23 ta' Marzu u fis-6 u fil-15 ta' April, fit-18 u fl-20 ta' Mejju 2004. Peress li l-amministrazzjoni ċentrali tad-dwana kkonfermat din il-multa b'deċiżjoni ta' l-10 ta' Jannar 2005, fis-16 ta' Marzu 2005, Skoma-Lux ressqet rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Krajský soud v Ostravě (qorti reġjonali).

13 Skoma-Lux qed tiġi akkużata li wettqet ksur doganali billi ppreżentat informazzjoni li mhijiex eżatta rigward il-klassifikazzjoni tariffarja ta' l-inbid aħmar Kagor VK. L-amministrazzjoni ċentrali tad-dwana tqis mhux biss li din il-kumpannija kisret ċertu dispożizzjonijiet tal-liġi doganali, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ qabel l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka ma' l-Unjoni Ewropea, iżda wkoll li hija wettqet ksur doganali taħt l-Artikolu 293(1)(d) ta' din l-istess liġi billi ma kkonformatx ruħha ma' l-Artikolu 199(1) tar-Regolament Nru 2454/93.

14 Skoma-Lux tibbaża, parzjalment, ir-rikors tagħha għal annullament fuq in-nuqqas ta' applikabbiltà tar-regolament Komunitarju fir-rigward tal-ksur li bihom qed tiġi akkużata, inkluż dak li sar wara l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka ma' l-Unjoni, peress illi ma kinitx teżisti pubblikazzjoni bil-lingwa Ċeka tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju applikati mill-awtoritajiet doganali fid-dati li fihom twettqu l-atti kontenzjużi.

15 L-amministrazzjoni ċentrali tad-dwana ssostni li l-Ministru tal-Finanzi Ċek ippubblika l-verżjoni Ċeka tad-dispożizzjonijiet doganali rilevanti taħt forma elettronika, li Skoma-Lux setgħet tinforma ruħha dwar dawn id-dispożizzjonijiet mingħand is-servizzi doganali u, fl-aħħar nett, li din il-kumpannija, li kienet ilha żmien twil topera fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali, kienet taf id-dispożizzjonijiet Komunitarji rilevanti.

16 F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Krajský soud v Ostravě ddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u tressaq id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Jista' l-Artikolu 58 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni, li bih ir-Repubblika Ċeka saret Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea b'effett mill-1 ta' Mejju 2004, jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru jista' japplika, fil-konfront ta' individwu, regolament li, fid-data li fiha jiġi applikat, ma jkunx ippubblikat regolarment fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fil-lingwa ta' l-Istat Membru in kwistjoni?

2) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-inapplikabbiltà tar-regolament in kwistjoni fil-konfront ta' l-individwi hija kwistjoni ta' interpretazzjoni jew kwistjoni ta' validità tad-dritt Komunitarju, fis-sens ta' l-Artikolu 234 KE?

3) F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-domanda preliminari tikkonċerna l-validità ta' l-att Komunitarju, fis-sens tas-sentenza tat-22 ta' Ottubru 1987, Foto-Frost (314/85, Ġabra p. 4199), ir-Regolament Nru 2454/93 huwa null fil-konfront tar-rikorrenti u tal-kwistjoni li għandha ma' l-awtoritajiet doganali tar-Repubblika Ċeka, minħabba n-nuqqas ta' pubblikazzjoni regolari fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

17 Permezz ta' l-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ssaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 58 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni ma'

l-Unjoni jippermettix li Stat Membru japplika fil-konfronti ta' individwu d-dispożizzjonijiet ta' regolament Komunitarju li ma jkunx ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fil-lingwa ta' dan l-Istat Membru, meta din il-lingwa hija lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni.

18 Il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà esprimiet ruħha, fis-sentenza tal-15 ta' Mejju 1986, Oryzomyli Kavallas *et* (160/84, Ġabra p. 1633, punti 11 sa 21), fuq il-kwistjoni dwar jekk in-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' att Komunitarju fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* huwiex motiv ta' nuqqas ta' infurzabbiltà tal-leġiżlazzjoni in kwistjoni fil-konfront ta' individwi. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet in kunsiderazzjoni l-impossibbiltà għall-individwi in kwistjoni li jkunu jafu l-leġiżlazzjoni invokata kontrihom.

19 Fir-rigward tal-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju tqis li l-maġġoranza tal-persuni kkonċernati jsiru jafu dwar ir-regoli ta' dritt taħt forma elettronika u li, għaldaqstant, in-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' leġiżlazzjoni Komunitarja fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ma tipprekludix in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha. Fil-fatt, l-Unjoni ppubblikat verżjonijiet lingwistiċi provviżorji jew riveduti provviżorjament fuq l-Internet u hija prassi komuni li wieħed ifittex id-dritt Komunitarju f'databases bħal dawk tas-Servizz interistituzzjonali ta' konsultazzjoni online tad-dritt ta' l-Unjoni Ewropea (EUR-Lex).

20 F'dan il-kuntest, tista' tidher bħala leġittima l-ammissjoni li l-applikabbiltà ta' leġiżlazzjoni Komunitarja mhux ippubblikata fil-lingwa in kwistjoni tiġi ddeterminata skond il-każ, wara li tiġi eżaminata l-possibbiltà għal individwu li jsir jaf effettivament il-kontenut tad-dokument in kwistjoni. F'kawża bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, il-kumpannija rikorrenti ma setgħetx ma tkunx infurmata peress illi topera f'kuntest internazzjonali u billi l-obbligu li tiddikjara b'eżattezza l-merkanzija importata tikkostitwixxi regola doganali magħrufa fl-Istati Membri kollha.

21 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tirrikonoxxi li l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' ugwaljanza taċ-ċittadini huma ggarantiti, b'mod partikolari, mill-ħtieġa formali ta' pubblikazzjoni regolari tal-leġiżlazzjoni fil-lingwa uffiċjali tal-persuna li għaliha hija intiża (ara s-sentenzi ta' l-1 ta' Ottubru 1998, Ir-Renju Unit vs Il-Kummissjoni, C-209/96, Ġabra p. I-5655, punt 35, u ta' l-20 ta' Mejju 2003, Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita, C-108/01, Ġabra p. I-5121, punt 89). L-inċertezza legali tiżdied minħabba l-koeżistenza ta' numru ta' traduzzjonijiet mhux uffiċjali differenti.

L-osservazzjonijiet imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

22 Skoma-Lux tqis li r-Regolament Nru 2454/93 ma jistax jiġi invokat kontriha inkwantu ma ġiex tradott fil-lingwa Ċeka. Hija tikkontesta, barra minn hekk, l-affermazzjoni li tgħid li hija kellha tkun taf dwar l-eżistenza ta' din il-leġiżlazzjoni, meta titqies l-attività kummerċjali internazzjonali tagħha.

23 Skoma-Lux issostni li hija ma setgħetx tkun taf, qabel it-traduzzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fil-lingwa Ċeka, liema dritt huwa applikabbli, peress illi fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' l-inbid, li huwa s-suġġett tal-kawża prinċipali, hemm diverġenzi kbar bejn il-liġi doganali u l-Kodiċi Doganali Komunitarju. Hija ssostni, f'dan ir-rigward, li l-klassifikazzjoni ġdida, taħt ir-Regolament Nru 2454/93, ġiet introdotta fuq talba tagħha matul il-kuntatti li kellha mal-Kummissjoni, u li, għaldaqstant, ma tistax tiġi akkużata talli injorat volontarjament din il-leġiżlazzjoni.

24 Il-Gvern Ċek, Latvjan u Żvediż iqisu, li, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 254 KE kif ukoll l-Artikoli 2 u 58 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni, waħda mill-kundizzjonijiet ta' infurzabbiltà tad-dritt Komunitarju fil-konfront ta' individwi fl-Istat Membru kkonċernat hija l-pubblikazzjoni regolari tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fil-lingwa ta' dan l-Istat Membru.

25 Huma jsostnu b'mod partikolari l-osservanza tal-prinċipji ta' non diskriminazzjoni minħabba nazzjonalità, ta' ugwaljanza u ta' ċertezza legali.

26 Dawn il-Gvernijiet iqisu, barra minn hekk, li l-verżjonijiet elettroniċi tat-traduzzjonijiet, qabel il-pubblikazzjoni elettronika tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ma jippreżentawx ċertezza legali suffiċjenti.

27 Il-Gvern Estonjan iqis li jirriżulta mill-Artikolu 254 KE li l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fil-lingwi uffiċjali ta' l-Istati Membri ġodda tikkostitwixxi, fil-mument ta' l-adeżjoni ta' dawn l-Istati ma' l-Unjoni, obbligu għaliha u li n-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' dan it-tip tikkostitwixxi ksur ta' dan l-obbligu.

28 Madankollu, peress li l-prinċipju ta' ċertezza legali jimponi biss li ċ-ċittadini ta' Stat Membru għandhom jiġu infurmati b'eżattezza dwar il-portata ta' l-obbligi li leġiżlazzjoni timponi fuqhom, jeħtieġ li tittieħed in kunsiderazzjoni l-possibbiltà li wieħed isir jaf dwar atti ġuridiċi permezz ta' l-Internet. Dan jgħodd ukoll għal dawk li huma utenti ta' l-Internet u li jafu dwar l-emendi magħmula fis-sistema legali minħabba l-adeżjoni ta' l-Istat tagħhom ma' l-Unjoni. Dawk li, bħal Skoma-Lux, jiffaċċjaw kuljum id-dritt Komunitarju fil-qasam ta' l-attività professjonali tagħhom jiffurmaw parti minn din il-kategorija ta' "ċittadini infurmati".

29 Għall-Gvern Pollakk, wara analiżi ta' l-istess natura, individwu fi Stat Membru ma jistax jaħrab mill-konsegwenzi negattivi ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' att ġuridiku li ma kienx suġġett għal pubblikazzjoni uffiċjali fil-lingwa nazzjonali sakemm jiġi stabbilit li ma kienx jaf il-kontenut ta' dan l-att b'mezz differenti.

30 Skond il-Kummissjoni, id-dispożizzjonijiet ta' regolament li, fil-mument ta' l-applikazzjoni tiegħu mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, ma ġiex ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fil-lingwa uffiċjali ta' l-Istat ikkonċernat, ma jistgħux jiġu invokati kontra individwi.

31 Hija tipproponi, madankollu, li tittieħed in kunsiderazzjoni l-possibbiltà li wieħed isir jaf b'test fi verżjoni lingwistika oħra jew b'mezz elettroniku. Hija tfakkar li, fil-kawża prinċipali, ir-regolament doganali in kwistjoni ġie ppubblikat fil-lingwa Ċeka fuq is-sit ta' l-Internet EUR-Lex fit-23 ta' Novembru 2003, imbagħad taħt forma stampata fit-30 ta' April 2004, u mwaħħla fil-bini ta' l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitjiet Ewropej (OPOCE). Finalment dan ġie ppubblikat, bl-istess kliem, f'edizzjoni speċjali tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea,* fis-27 ta' Awwissu 2004.

Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

32 Skond l-Artikolu 2 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni, l-atti li jsiru, qabel l-adeżjoni, mill-istituzzjonijiet, jorbtu lill-Istati Membri ġodda u huma applikabbli f'dawn l-Istati mill-mument ta' adeżjoni. Madankollu, l-infurzabbiltà tagħhom għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi f'dawn l-Istati hija suġġetta għall-kundizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tad-dritt Komunitarju fl-Istati Membri skond kif jipprovdu t-Trattati li minnhom joriġinaw u, għall-Istati Membri ġodda, mill-Att jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni nnifsu.

33 Jirriżulta mill-kliem stess tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 254(2) KE, li regolament jista' jkollu effetti ġuridiċi biss jekk ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

34 Barra minn hekk, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 58 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni kif ukoll l-Artikoli 4, 5 u 8 tar-Regolament Nru 1, li pubblikazzjoni regolari ta' regolament Komunitarju, fir-rigward ta' Stat Membru li l-lingwa tiegħu hija lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni, tfisser il-pubblikazzjoni ta' dan l-att, f'din il-lingwa uffiċjali, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

35 Għalhekk, taħt dawn il-kundizzjonijiet, id-dispożizzjonijiet tat-Trattati oriġinali u l-atti adottati, qabel l-adeżjoni, mill-istituzzjonijiet u mill-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jiġu implementati fl-Istati Membri ġodda skond l-Artikolu 2 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni.

36 Minbarra l-leġittimità li din tikseb mill-kliem innifishom tat-Trattati, din l-interpretazzjoni hija l-unika waħda kompatibbli mal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' non diskriminazzjoni.

37 Fil-fatt, skond il-punt 15 tas-sentenza tal-25 ta' Jannar 1979, Racke (98/78, Ġabra p. 69), att li joħroġ minn istituzzjoni Komunitarja, bħar-regolament fil-kawża prinċipali, ma jistax jiġi invokat kontra persuni fiżiċi u ġuridiċi fi Stat Membru qabel ma dawn ta' l-aħħar ikollhom il-possibbiltà li jsiru jafu dwarhom minn pubblikazzjoni regolari fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

38 Il-Qorti tal-Gustizzja ddeċidiet li r-rekwiżit mandatorju ta' ċertezza legali jeżiġi li leġiżlazzjoni Komunitarja tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu preċiżament il-portata ta' l-obbligi li hija timponi fuqhom, liema rekwizit huwa ggarantit biss mill-pubblikazzjoni regolari ta' l-imsemmija leġiżlazzjoni fil-lingwa uffiċjali tal-persuna indirizzata minnha (ara, ukoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Novembru 1998, Covita, C-370/96, Ġabra p. I-7711, punt 27; tat-8 ta' Novembru 2001, Silos, C-228/99, Ġabra p. I-8401, punt 15, u Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita, iċċitata iktar 'il fuq, punt 95).

39 Barra minn hekk, huwa kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali li jiġu applikati bl-istess mod, minn naħa, obbligi imposti minn leġiżlazzjoni Komunitarja fl-Istati Membri qodma, fejn l-individwi għandhom il-possibbiltà li jkunu jafu dwar l-imsemmija obbligi fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, fil-lingwi ta' dawn l-Istati, u, min-naħa l-oħra, fl-Istati Membri aderenti, fejn l-individwi kienu jinsabu fl-impossibbiltà li jsiru jafu bihom minħabba pubblikazzjoni tardiva.

40 L-osservanza ta' dawn il-prinċipji fundamentali ma tmurx kontra l-prinċipju ta' l-effettività tad-dritt Komunitarju, inkwantu dan l-aħħar prinċipju ma jistax jikkonċerna regoli li jkunu għadhom ma jistgħux jiġu invokati kontra individwi.

41 Jekk jidher, fil-fatt, skond il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit mill-Artikolu 10 KE, li l-Istati Membri aderenti jieħdu l-miżuri kollha intiżi sabiex tiġi ggarantita l-effettività tad-dritt Komunitarju fis-sistema legali interna tagħhom, huwa *contra legem*, fid-dawl ta' l-analiżi preċedenti, li jiġi meħtieġ mingħandhom li jimponu obbligi fuq l-individwi li jinsabu f'testi ta' portata ġenerali mhux ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fil-lingwa uffiċjali ta' dawn l-Istati.

42 Il-pożizzjoni li ssostni li att li ma ġiex ippubblikat regolarment jista' jiġi infurzat f'isem il-prinċipju ta' l-effettività, timponi fuq l-individwi ta' dan l-Istat Membru l-konsegwenzi negattivi tan-nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligu li l-amministrazzjoni Komunitarja kellha sabiex tqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom, fid-data ta' l-adeżjoni, l-*acquis communautaire* kollu fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-Unjoni (ara f'dan is-sens is-sentenza Racke, iċċitata iktar 'il fuq, punt 16).

43 Huwa minnu li wħud mill-osservazzjonijiet imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jsostnu li hija stess, fil-punti 11 sa 21 tas-sentenza Oryzomyli Kavallas *et*, iċċitata

iktar 'il fuq, ittrattat il-kwistjoni dwar jekk pubblikazzjoni insuffiċjenti tad-dritt Komunitarju fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* għandhiex tikkostitwixxi, fil-każijiet kollha, motiv ta' nuqqas ta' infurzabbiltà tal-leġiżlazzjoni in kwistjoni kontra individwi.

44 Madankollu, din is-sentenza għandha tinqara fil-kuntest tagħha u billi tittieħed in kunsiderazzjoni d-domanda li saret lill-Qorti tal-Ġustizzja. Din ta' l-aħħar evalwat sempliċement l-impossibbiltà għal kumpannija Griega li ssir taf dwar il-leġiżlazzjoni Komunitarja fil-mument ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika fil-Komunitajiet Ewropej. Il-kwistjoni tal-pubblikazzjoni regolari ta' din il-leġiżlazzjoni ma tirriżultax, fiha nnifisha. Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat sempliċement jekk, fil-mument ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika ma' l-Unjoni, kumpannija Griega li kienet ressqet b'mod irregolari, fir-rigward tar-regoli Komunitarji, talbiet quddiem l-awtoritajiet nazzjonali tagħha sabiex tikseb il-ħlas lura ta' dazju għall-importazzjoni, setgħet madankollu tibbenefika minn dan il-ħlas lura, meta ttieħdet in kunsiderazzjoni d-diffikultà għal din il-kumpannija, kif ukoll għall-amministrazzjoni Griega, li ssir taf dwar din il-leġiżlazzjoni Komunitarja u tapplika b'mod korrett ir-regoli ġodda.

45 Il-qorti tar-rinviju, uħud mill-Istati Membri li ppreżentaw osservazzjonijiet u l-Kummissjoni jsostnu li l-kumpannija rikorrenti, fil-kawża prinċipali, kienet, minnatura tagħha, informata dwar ir-regoli Komunitarji applikabbli, peress li hija topera fil-kummerċ internazzjonali u li għalhekk bilfors hija informata dwar il-kontenut ta' l-obbligi doganali, jiġifieri, b'mod partikolari, l-obbligu li tiddikjara b'eżattezza l-merkanzija importata. F'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni Komunitarja, minkejja li mhux ippubblikata, għandha tapplika, inkwantu jista' jiġi stabbilit li l-persuna kkonċernata, fil-fatt, kienet taf dwarha.

46 Madankollu, ċirkustanza bħal din mhijiex suffiċjenti sabiex leġiżlazzjoni Komunitarja li ma ġietx suġġetta għal pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* tiġi invokata kontra individwu.

47 Bl-istess mod, kemm il-qorti tar-rinviju kif ukoll uħud mill-Istati Membri li ppreżentaw osservazzjonijiet u l-Kummissjoni jsostnu ulterjorment li llum l-individwi jsiru jafu dwar ir-regoli tad-dritt Komunitarju permezz tal-verżjoni elettronika tagħhom, b'mod illi l-konsegwenzi ta' nuqqas ta' pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* għandhom jitqiegħdu fil-kuntest t-tajjeb u li m'hemmx iżjed lok li jiġi kkunsidrat li dan jikkaġuna nuqqas ta' disponibbiltà ta'l-imsemmija regoli. Il-Kummissjoni żżid li r-regolament fil-kawża prinċipali ġie ppubblikat, biċ-Ċek, fuq is-sit ta' l-Internet EUR-Lex mit-23 ta' Novembru 2003, imbagħad taħt forma stampata fit-30 ta' April 2004 u mwaħħla fil-bini ta' l-OPOCE.

48 Madankollu, għandu jiġi osservat li għalkemm il-leġiżlazzjoni Komunitarja hija effettivament disponibbli fuq l-Internet u li l-individwi dejjem iktar spiss isiru jafu dwar din il-leġiżlazzjoni bl-għajnuna ta' dan il-mezz, tali tqegħid għad-dispożizzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni ma jistax ikun ekwivalenti għal-pubblikazzjoni fil-forma korretta u dovuta fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fin-nuqqas, fid-dritt Komunitarju, ta' kull leġiżlazzjoni f'dan ir-rigward.

49 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li għalkemm diversi Stati Membri adottaw il-pubblikazzjoni elettronika bħala forma valida, din hija suġġetta għal testi leġiżlattivi jew regolamentari li jorganizzawha bi preċiżjoni u jiddeterminaw eżattament il-każijiet li fihom din il-pubblikazzjoni hija valida. F'dawn il-kundizzjonijiet, fl-istat attwali tad-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja mhijiex f'pożizzjoni li tikkunsidra din il-forma ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja bħala suffiċjenti, biex tassigura l-infurzabbiltà tagħha.

50 L-unika verżjoni ta' regolament Komunitarju stabbilita hija, fl-istat attwali tad-dritt Komunitarju, dik ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* b'mod li verżjoni elettronika li tipprevedi din il-pubblikazzjoni, anki jekk sussegwentement tirriżulta li hija konformi mal-verżjoni ppubblikata, ma tistax tiġi invokata kontra individwi.

51 Jeħtieġ għaldaqstant li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-Artikolu 58 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' adeżjoni jipprekludi l-fatt li l-obbligi li jinsabu f'leġiżlazzjoni Komunitarja li ma ġietx ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fil-lingwa ta' Stat Membru ġdid, meta din il-lingwa hija lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni, jistgħu jiġu imposti fuq individwi f'dan l-Istat, anki jekk dawn il-persuni setgħu saru jafu dwar din il-leġiżlazzjoni b'mezzi oħra.

Fuq it-tieni domanda

52 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ssaqsi, essenzjalment, jekk in-nuqqas ta' infurzabbiltà fil-konfront ta' individwi fi Stat Membru ta' regolament Komunitarju li ma ġiex ippubblikat fil-lingwa ta' dan l-Istat hijiex kwistjoni ta' interpretazzjoni jew kwistjoni ta' validità ta' dan ir-regolament.

L-osservazzjonijiet imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

53 Il-Gvern Ċek jibbaża ruħu fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex iqis li n-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' regolament Komunitarju fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ma jeffetwax il-validità tiegħu u li, għaldaqstant, l-eżami ta' l-effetti ta' dan in-nuqqas ta' pubblikazzjoni tikkonċerna biss l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fatt, qalet li l-validità tat-tali regolament ma tiġix affettwata miċ-ċirkustanza li l-pubblikazzjoni tagħha tkun saret biss wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit, billi dan id-dewmien ma jistax ikollu rilevanza fuq id-data li minnha seta' jiġi applikat dan ir-regolament jew jipproduċi l-effetti tiegħu (is-sentenza tad-29 ta' Mejju 1974, König, 185/73, Ġabra p. 607, punt 6).

54 Il-Gvern Latvjan iqis li n-nuqqas ta' infurzabbiltà, fil-konfronti ta' l-individwi, ta' regolament Komunitarju li ma ġiex ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* huwa kwistjoni ta' validità inkwantu l-effetti ta' dan in-nuqqas ta' infurzabbiltà huma, konkretament, l-istess bħal dawk tan-nuqqas ta' eżistenza ta' dan ir-regolament. Għalhekk, sabiex tiddeċiedi kwistjoni quddiemha, qorti nazzjonali jkollha tikkunsidra li l-imsemmi regolament qatt ma eżista.

55 Għall-Kummissjoni, li tibbaża ruħha fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-disponibbiltà tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fl-Istati Membri differenti m'għandhiex rilevanza la fuq id-data li fiha regolament jitqies bħala li ġie ppubblikat u lanqas fuq id-data li fiha jkun ġie fis-seħħ (ara f'dan is-sens, is-sentenzi Racke, iċċitata iktar 'il fuq, u tal-25 ta' Jannar 1979, Decker, 99/78, Ġabra p. 101). Għaldaqstant, in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' verżjoni lingwistika tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ma jistax, fih innifsu, jikkompromett l-validità jew id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament.

56 Il-Kummissjoni tqis, għaldaqstant, li l-kwistjoni dwar jekk regolament jistax jew le jiġi invokat kontra individwu meta dan ma jkunx ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, hija kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju.

Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

57 Il-kwistjoni quddiem il-qorti tar-rinviju hija dik dwar jekk regolament li ma ġiex ippubblikat fil-lingwa ta' Stat Membru huwiex null fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 254(2) KE, ta' l-Artikoli 2 u 58 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' adeżjoni kif ukoll ta' l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament Nru 1.

58 Huwa paċifiku li dawn id-dispożizzjonijiet ma jaffettwawx il-validità ta' regolament applikabbli fl-Istati Membri li fihom dan ġie regolarment ippubblikat.

59 Barra minn hekk, iċ-ċirkustanza li dan ir-regolament ma jistax jiġi invokat kontra individwi fi Stat Membru li fil-lingwa tiegħu ma jkunx ġiet ippubblikata, ma għandha l-ebda effett fuq il-fatt li, peress li jagħmel parti mill-*acquis communautaire,* dan jorbot l-Istat Membru kkonċernat permezz tad-dispożizzjonijiet tiegħu mill-mument ta' l-adeżjoni.

60 L-interpretazzjoni magħquda tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt 57 ta' din is-sentenza, kif jirriżulta mir-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, għandha bħala għan u bħala effett li ddewwem l-infurzabbiltà ta' l-obbligi li regolament Komunitarju jimponi fil-konfront ta' individwi fi Stat Membru sakemm dawn ta' l-aħħar ikunu jistgħu jsiru jafu dwarhom b'mod uffiċjali mingħajr ebda ambigwità.

61 Għaldaqstant, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li, billi ġie deċiż li regolament Komunitarju, li ma ġiex ippubblikat fil-lingwa ta' Stat Membru, ma jistax jiġi invokat kontra individwi f'dan l-Istat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha twettaq interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju skond l-Artikolu 234 KE.

Fuq it-tielet domanda

62 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tieni domanda, m'hemmx lok li l-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb fuq il-validità ta' dan ir-regolament Komunitarju.

Fuq it-talba għal-limitazzjoni fiż-żmien ta' l-effetti ta' din is-sentenza

63 Il-Gvern Ċek jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tillimita fiż-żmien l-effetti tas-sentenza tagħha għad-data tal-pubblikazzjoni tad-domandi preliminari li jitressqu quddiemha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, mingħajr ma din il-limitazzjoni tkun tista' tiġi invokata kontra r-rikorrenti li diġà kkontestaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux ippubblikati u li talbu kumpens għad-dannu kkaġunat.

64 Huwa jsostni li ż-żewġ kriterji fundamentali, determinanti għall-possibbiltà li tiddeċiedi dwar il-limitazzjoni fiż-żmien ta' l-effetti ta' sentenza, ġew sodisfatti f'din il-kawża, jiġifieri li l-persuni kkonċernati aġixxew *in bona fede* u li jeżisti riskju ta' problemi serji, liema problemi mhumiex biss ta' natura ekonomika.

65 Il-Gvern Latvjan jipproponi l-istess, iżda għad-data ta' din is-sentenza, sabiex ma jkunux jistgħu jiġu kkontestati iżjed id-deċiżjonijiet meħuda *in bona fede* abbażi ta' leġiżlazzjonijiet Komunitarji li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, u li ma ġewx ikkontestati mill-persuni kkonċernati minnhom.

66 Huwa jqis li l-Istati Membri kollha li ssieħbu ma' l-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004 imxew *in bona fede* meta implementaw regoli Komunitarji li, dak iż-żmien, ma kinux ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Barra minn hekk, fid-dawl tas-sens ta' din is-sentenza, jekk id-deċiżjonijiet amministrattivi jkollhom jiġu annullati minħabba n-nuqqas ta' fondatezza tagħhom, dan jagħti lok għal numru kbir ta' talbiet għal annullament kif ukoll għal konsegwenzi finanzjarji importanti, mhux biss għall-finanzi ta' l-Istati Membri, iżda wkoll għall-Unjoni.

67 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', b'mod eċċezzjonali, skond il-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali li huwa inerenti għas-sistema legali Komunitarja, tillimita l-possibbiltà għal kull min ikun ikkonċernat li jinvoka dispożizzjoni li hija interpretat sabiex jikkontesta relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti *in bona fede* (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' April 1976, "Defrenne II", C-43/75, Ġabra p. 455, punti 72 sa 75, u tas-6 ta' Marzu 2007, Meilicke *et*, C-292/04, Ġabra p. I-1835, punt 35).

68 Madankollu, din il-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq tikkonċerna ipoteżi differenti minn dik fil-kawża preżenti. Fil-fatt, din il-kawża ma tikkonċernax kwistjoni ta' limitazzjoni fiż-żmien ta' l-effetti ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju, iżda l-limitazzjoni ta' l-effetti ta' sentenza li tirrigwarda l-infurzabbiltà stess, fit-territorju ta' Stat Membru, ta' att Komunitarju. Għaldaqstant, l-imsemmija ġurisprudenza ma tistax tiġi applikata f'dan il-każ.

69 Għandu wkoll jiġi mfakkar li, skond l-Artikolu 231 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', meta tannulla regolament, tindika, jekk hija tqis li huwa neċessarju, dawk l-effetti tar-regolament annullat li għandhom jitqiesu bħala definittivi.

70 Minn dan jirriżulta li minkejja li att ikun illegali u għaldaqstant null, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', skond dispożizzjoni espliċita tat-Trattat KE, tiddeċiedi li xorta waħda jista' legalment jipproduċi whud mill-effetti ġuridiċi tagħha.

71 Ir-rekwiżiti ta' ċertezza legali jitolbu li l-istess ikun jgħodd għad-deċiżjonijiet nazzjonali li jittieħdu skond id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju li ma jistgħux jiġu invokati kontra xi ħadd fit-territorju ta' ċertu Stati Membri minħabba n-nuqqas ta' pubblikazzjoni regolari tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fil-

lingwa uffiċjali ta' l-Istati kkonċernati, ħlief fil-każ ta' deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' rikorsi amministrattivi jew ġudizzjarji fid-data ta' din is-sentenza.

72 Għaldaqstant, l-Istati Membri m'għandhomx, taħt id-dritt Komunitarju, l-obbligu li jikkontestaw id-deċiżjonijiet amministrattivi jew ġudizzjarji li jittieħdu abbażi ta' dawn ir-regoli, inkwantu dawn ikunu saru definittivi taħt ir-regoli nazzjonali applikabbli.

73 Skond id-dritt Komunitarju, ikun mod ieħor biss f'każijiet eċċezzjonali fejn ikunu ttieħdu, abbażi tar-regoli msemmija fil-punt 71 ta' din is-sentenza, miżuri amministrattivi jew deċiżjonijiet ġudizzjarji, b'mod partikolari ta' natura repressiva, li jippreġudikaw id-drittijiet fundamentali, liema każijiet, taħt dawn il-limitazzjonijiet, għandhom jiġu kkonstatati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Fuq l-ispejjeż

74 Peress li l-proċedura għandha, fil-konfront tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 58 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, jipprekludi l-fatt li l-obbligi li jinsabu f'leġiżlazzjoni Komunitarja li ma ġietx ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fil-lingwa ta' Stat Membru ġdid, meta din il-lingwa hija lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, jistgħu jiġu imposti fuq individwi f'dan l-Istat, minkejja li dawn il-persuni setgħu saru jafu dwar din il-leġiżlazzjoni b'mezzi oħra.**

2) **Billi ġie deċiż li regolament Komunitarju, li ma ġiex ippubblikat fil-lingwa ta' Stat Membru, ma jistax jiġi invokat kontra individwi f'dan l-Istat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha twettaq interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju skond l-Artikolu 234 KE.**

Firem